



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.3.2013
COM(2013) 133 final

2013/0074 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi qafas għall-ippjanar spazjali marittimu u għall-ġestjoni integrata tal-kosta

{SWD(2013) 64 final}
{SWD(2013) 65 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

1.1. Kuntest Ġenerali

L-Unjoni Ewropea tat lilha nnifisha l-għan li ssir ekonomija intelliġenti, sostenibbli u inklussiva sal-2020. Is-setturi marittimi joffru żoni għall-innovazzjoni, it-tkabbir sostenibbli u l-impjiegi li għandhom jikkontribwixxu għal dan l-għan. F'Ottubru 2012, il-Ministri Ewropej għall-Affarijiet Marittimi adottaw id-"Dikjarazzjoni ta' Limassol" biex tkun ta' appoġġ għall-Istrateġija Ewropa 2020¹ b'pilastru marittimu b'saħħtu. Kif identifikat mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni dwar It-Tkabbir Blu: Opportunitajiet għal Tkabbir Sostenibbli fis-Settur tal-Baħar u dak Marittimu², din il-proposta leġislattiva hija parti essenzjali minn din l-ambizzjoni biex tiġi żviluppata l-Ekonomija Blu tal-Ewropa.

Madankollu, żieda fl-użu taż-żoni kostali u marittimi kif ukoll l-effetti tat-tibdil fil-klima, il-perikli naturali u l-erożjoni, ukoll jagħmlu pressjoni fuq ir-riżorsi kostali u tal-baħar. Huma jeħtieġu ġestjoni integrata u koerenti biex jiżguraw it-tkabbir sostenibbli u jippreservaw l-ekosistemi kostali u dawk tal-baħar għall-ġenerazzjonijiet futuri.

L-ippjanar spazjali marittimu huwa mifhum komunement bħala proċess pubbliku għall-analiżi u l-ippjanar tad-distribuzzjoni spazjali u temporali tal-attivitajiet umani f'żoni tal-baħar biex jinkisbu l-għanijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali. L-għan aħħari tal-ippjanar spazjali marittimu huwa li jitfasslu pjanijiet għall-identifikazzjoni tal-utilizzazzjoni tal-ispazju marittimu għal użi differenti tal-baħar. Fl-2008 il-Kummissjoni ppubblikat il-"Pjan ta' Tmexxija għall-Ippjanar Spazjali Marittimu: Il-Ksib ta' Prinċipji Komuni fl-UE"³, segwita minn Komunikazzjoni fl-2010 "L-Ippjanar Spazjali Marittimu fl-UE - Kisbiet u Żviluppi Futuri"⁴, li lestew it-triq għal din il-proposta.

Il-ġestjoni kostali integrata hija għodda għall-ġestjoni integrata tal-proċessi kollha ta' politika li jaffettwaw iż-żona kostali, u tindirizza l-interazzjonijiet bejn l-art u l-baħar tal-attivitajiet kostali b'mod koordinat bil-ħsieb li jiġi żgurat l-iżvilupp sostenibbli taż-żoni kostali u tal-baħar. Hija tiżgura li d-deċiżjonijiet ta' ġestjoni jew ta' żvilupp jittieħdu b'mod koerenti fis-setturi kollha. Rakkomandazzjoni tal-2002 dwar il-Ġestjoni Integrata taż-Żoni Kostali tiddefinixxi l-prinċipji ta' ġestjoni u pjanar kostali sodi u l-aħjar mod kif jistgħu jiġu implimentati. L-UE hija wkoll parti kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Barċellona, li stabbilixxiet Protokoll dwar il-Ġestjoni Integrata tal-kosta li daħlet fis-seħħ f'Marzu 2011. Dan il-Protokoll jagħmel il-ġestjoni integrata tal-kosta obbligatorja għall-Istati Membri li għandhom kosta mal-Baħar Mediterran.

L-ippjanar spazjali marittimu u l-ġestjoni integrata tal-kosta huma għodod kumplementari. Il-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tagħhom jidħol kemm fl-ilmijiet kostali kif ukoll f'dawk territorjali tal-Istati Membri, fejn il-pjanijiet spazjali marittimi se jagħtu direzzjoni lill-attivitajiet tal-bniedem u se jidentifikaw l-aktar żvilupp spazjali effettiv fil-futur, filwaqt li l-istrateġiji għall-ġestjoni tal-kosta jiżguraw il-ġestjoni integrata ta' dawn l-attivitajiet tal-bniedem. Meta jiġu applikati b'mod konġunt, it-tnejn itejbu l-interfaċċja tal-ippjanar u l-ġestjoni bejn il-baħar u l-art.

¹ COM (2010) 2020 finali.

² COM (2012) 494 finali.

³ COM (2008) 791 finali.

⁴ COM (2010) 771 finali.

1.2. Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

L-għan prinċipali tad-Direttiva proposta huwa li tippromwovi tkabbir sostenibbli tal-attivitajiet marittimi u kostali u l-użu sostenibbli tar-riżorsi kostali u tal-baħar permezz tal-ħolqien ta' qafas għall-implimentazzjoni effettiva tal-ippjanar spazjali marittimu fl-ilmijiet tal-UE u għestjoni integrata tal-kosta fiż-żoni kostali tal-Istati Membri.

Iż-żieda fl-użu taż-żoni kostali u marittimi u n-nuqqas ta' koordinazzjoni f'dan l-użu jirriżultaw f'kompetizzjoni għall-ispazju marittimu u kostali u fl-użu ineffiċjenti u mhux sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar u daww kostali. L-inċertezzi u n-nuqqas ta' prevedibbiltà dwar l-aċċess xieraq għall-ispazju marittimu ħolqu klima subottimali tan-negozju għall-investituri, bil-potenzjal ta' telf ta' impjiegi.

L-iżgurar ta' tqassim ottimali tal-ispazju marittimu fost il-partijiet interessati rilevanti u l-għestjoni koordinata taż-żoni kostali huma essenzjali biex jippermettu attivitajiet simultanji li jilhqgħu l-potenzjal sħiħ tagħhom. Għe muri li dan ibaxxi r-riċerka esploratorja, it-tranżazzjoni, l-ispejjeż amministrattivi u operattivi u jżid iċ-ċertezza legali partikolarment għall-SME's.

Sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà u s-saħħa ambjentali ta' dawn l-użi varji, l-ippjanar spazjali marittimu u l-għestjoni integrata tal-kosta se jkollhom jużaw approċċ ibbażat fuq l-ekosistema li jiżgura l-ħarsien tar-riżorsi naturali li jipprovdu l-bażi għat-twettiq tal-attivitajiet varji.

L-azzjoni proposta għalhekk mhijiex speċifika għas-settur, iżda tkopri l-oqsma kollha ta' politika tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) b'impatt fuq il-kosti, l-ibħra u l-oċeani. Hija tappoġġja l-implimentazzjoni kontinwa ta' politiki relatati mal-baħar fl-Istati Membri permezz ta' koordinazzjoni aktar effiċjenti u żieda fit-trasparenza. L-ippjanar spazjali marittimu u l-istrateġiji għall-għestjoni integrata tal-kosta jistgħu wkoll, fi stadju bikri, itejbu l-artikolazzjoni tal-oġġettivi ekonomiċi u l-leġiżlazzjoni ambjentali filwaqt li jnaqqsu l-kunflitti bejniethom.

L-għanijiet operattivi tad-Direttiva huma ta' natura proċedurali. L-Istati Membri se jintalbu jiżviluppaw u jimplimentaw proċessi koerenti biex jippjanaw użi umani tal-ispazju marittimu u sabiex tiġi żgurata l-għestjoni sostenibbli taż-żoni kostali, u tiġi stabbilita kooperazzjoni transkonfinali xierqa fosthom. Valur miżjud ewlieni tal-proposta huwa appoġġ għal konnettività bejn l-art u l-baħar permezz ta' koerenza bejn l-ippjanar spazjali marittimu u l-għestjoni integrata tal-kosta.

Id-dettalji tal-ippjanar u d-determinazzjoni tal-għanijiet ta' għestjoni jitħallew f'idejn l-Istati Membri. L-UE mhux se tiegħu sehem f'dawn il-proċessi. Il-proposta ma tfixxk il-prerogattivi tal-Istati Membri għall-ippjanar tal-ambjent urban u rurali (l-ippjanar terrestri).

1.3. Konsistenza ma' politiki oħrajn

Il-leġiżlaturi Ewropej adottaw inizjattivi għal politika ambizzjuża rilevanti għall-oċeani, l-ibħra u l-kosti, li għandhom jiġu implimentati fl-10 sa 20 sena li ġejjin. Dawn l-inizjattivi jinkludu Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina⁵, id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli⁶, u l-inizjattiva dwar l-Awtostradi tal-Baħar⁷ u d-Direttiva dwar il-Habitats⁸. Fl-2013, l-UE hija mistennija tadotta Politika Komuni tas-Sajd riformata u, skont il-perspettivi finanzjarji ġodda, fondi strutturali riveduti (il-Qafas Strateġiku Komuni). L-għan ewlieni ta' din il-proposta huwa li tiffaċilita l-implimentazzjoni koerenti u sostenibbli ta' dawn l-

⁵ Id-Direttiva 2008/56/KE, ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19-40.

⁶ Id-Direttiva 2009/28/KE, ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16-62.

⁷ Id-Direttiva 884/2004/KE, ĠU L 167, 30.04.2004, p. 1-38.

⁸ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, ĠU L 206, 22.07.1992, p. 7-50.

inizjattivi permezz ta' proċess jew proċessi integrati. Il-proposta preżenti la tbiddel u lanqas timmodifika l-*acquis* għall-ebda qasam ta' politika taħt it-TFUE.

B'mod partikolari, hemm opportunitajiet għall-Istati Membri biex titjeb l-implimentazzjoni effettiva u biex jitnaqqas il-piż amministrattiv meta jiġu implimentati pjanijiet spazjali marittimi u strateġiji għall-ġestjoni integrata tal-kosta bl-applikazzjoni tal-*acquis* b'mod integrat.

Il-valutazzjoni tal-effetti ambjentali tal-pjanijiet spazjali marittimi u tal-istrateġiji għall-ġestjoni integrata tal-kosta għandha titwettaq skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/42/KE.⁹ Valutazzjoni ambjentali strateġika bħal din se tiżgura kunsiderazzjoni olistika tal-impatti, inklużi dawk kumulattivi, minn diversi attivitajiet tal-bniedem fi stadju bikri u b'hekk tiffaċilita l-implimentazzjoni ta' proġetti futuri. Jekk sussegwentement isiru meħtieġa valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali għal proġetti individwali, il-valutazzjoni speċifika se tkun tista' tislet mill-analiżi li jkunu diġà twettqu taħt l-ippjanar ambjentali strateġiku u b'hekk tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-valutazzjonijiet u l-piż amministrattiv relatat.

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

2.1. Konsultazzjoni Pubblika

Il-Kummissjoni Ewropea organizzat konsultazzjoni pubblika minn Marzu sa Mejju 2011 biex tiġbor informazzjoni mingħand partijiet interessati dwar l-istatus u l-futur tal-ippjanar spazjali marittimu u tal-ġestjoni integrata tal-kosta fl-Unjoni Ewropea.

Ir-riżultati kkonfermaw li l-kunflitti fl-użu tal-ispazju tal-baħar qed isiru iktar frekwenti, u appoġġjaw approċċ komuni għall-implimentazzjoni tal-ippjanar spazjali marittimu fl-ilmijiet tal-UE, waqt li jittieħed kont tal-partikolaritajiet ta' kull reġjun. L-iżgurar tal-koordinazzjoni xierqa tal-proċessi tal-MSP ma' strateġiji għall-ġestjoni integrata tal-kosta kien meqjus importanti. Filwaqt li l-azzjoni tal-UE dwar kwistjonijiet transkonfinali kienet meqjusa bħala partikolarment utli, ma kien hemm l-ebda tweġiba ċara dwar l-aħjar għażla ta' strument.

2.2. Valutazzjoni tal-Impatt

Il-Valutazzjoni tal-Impatt (IA) evalwat l-effettività u l-impatti ekonomiċi, ambjentali u soċjali ta' dawn it-tliet għażliet: (1) gwida u żvilupp tal-aħjar prattika, (2) miżuri nonvinkolanti, u (3) miżuri legalment vinkolanti, inkluż Direttiva 'tat-tip qafas' jew Regolament.

Il-Valutazzjoni tal-Impatt ikkonkludiet li anki jekk l-għażliet nonvinkolanti joffru xi vantaġġi, approċċ vinkolanti legalment permezz ta' Direttiva huwa l-aktar strument xieraq li jista' jiżgura l-prevedibbiltà, l-istabbiltà, u t-trasparenza tal-ippjanar spazjali marittimu u tal-ġestjoni integrata tal-kosta, filwaqt li jissalvagwardja l-proporzjonalità u s-sussidjarjetà billi jħalli flessibbiltà fl-implimentazzjoni lill-Istat Membru u ma jfikkilx il-kompetenzi tal-Istati Membri. Direttiva hija wkoll l-iktar għażla xierqa biex jiġi garantit li l-iskedi ta' żmien għall-implimentazzjoni jkunu koerenti ma' perjodi ta' żmien għal leġislazzjoni rilevanti oħra u inizjattivi ta' politika tal-UE (eż. id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli, id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina, il-miri ta' Ewropa 2020, eċċ.) u jitrawwem l-iżvilupp ta' attivitajiet ekonomiċi fuq il-baħar f'kuntast ta' żieda fil-kompetizzjoni għall-ispazju.

⁹ ĠU L 197, 21.7.2001, pp. 30-37.

Il-Bord tal-Valutazzjoni tal-Impatt ta l-opinjoni finali tiegħu dwar il-valutazzjoni tal-impatt fit-30 ta' April 2012. Ir-Rapport dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt u s-Sommarju Eżekuttiv huma ppubblikati mal-proposta attwali flimkien mal-opinjoni tal-Bord tal-Valutazzjoni tal-Impatt.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

3.1. Sommarju tal-azzjoni proposta

Il-proposta tistabbilixxi qafas għall-ippjanar spazjali marittimu u għall-ġestjoni integrata tal-kosta fil-forma ta' approċċ sistematiku, koordinat, inklussiv u transkonfinali għall-governanza marittima integrata. Hija tobbliga lill-Istati Membri sabiex iwettqu l-ippjanar spazjali marittimu u l-ġestjoni integrata tal-kosta skont il-liġi nazzjonali u internazzjonali. L-għan tal-azzjoni huwa li l-Istati Membri jistabbilixxu proċess jew proċessi li jkopru ċ-ċiklu sħiħ tal-identifikazzjoni tal-problema, il-ġbir ta' informazzjoni, l-ippjanar, it-teħid ta' deċiżjonijiet, il-ġestjoni, il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni, u l-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati.

Il-pjanijiet spazjali marittimi u l-istrateġiji għall-ġestjoni integrata tal-kosta mhux se jistabbilixxu miri ta' politika settorjali ġodda. Dawn ikollhom l-għan li jirriflettu, jintegraw u jorbtu flimkien l-għanijiet definiti minn politiki settorjali nazzjonali jew reġjonali, biex jiġu identifikati l-passi biex ikunu evitati jew imnaqqsu l-kunflitti bejn setturi differenti u sabiex jikkontribwixxu għall-kisba tal-għanijiet tal-Unjoni f'politiki settorjali relatati tal-baħar u tal-kosta. L-iktar importanti, il-proposta teħtieġ l-azzjoni tal-Istati Membri biex jimmiraw għall-koerenza tal-ġestjoni tal-baċini tal-baħar, permezz tal-kooperazzjoni transkonfinali fl-istess reġjun jew subreġjun tal-baħar u ż-żona kostali relatata u l-ġbir u l-iskambju xieraq tad-dejta.

L-atti ta' implimentazzjoni se jiżguraw l-implimentazzjoni konsistenti tad-Direttiva mal-UE kollha u se jiffaċilitaw ir-rappurtar mill-Istati Membri lill-Kummissjoni u, fejn rilevanti, l-iskambju ta' dejta bejn l-Istati Membri u mal-Kummissjoni.

3.2. Bażi legali

Il-proposta tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Politika Marittima Integrata tal-UE (PMI), inkluż id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina bħala l-pilastru ambjentali tagħha. L-għan tal-PMI huwa li jiġi żgurat li l-politiki settorjali tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) li għandhom effett fuq tal-ispazju marittimu jiġu implimentati b'mod koerenti sabiex jinkisbu l-għanijiet konkorrenti multipli ta' natura ekonomika, soċjali u ambjentali.

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikoli 43(2), 100(2), 192(1) u 194(2) TFUE. L-attivitajiet koperti minn dawn il-politiki jikkompetu għall-ispazju marittimu u l-użu tar-riżorsi kostali. Il-proċessi li għandhom jiġu stabbiliti għandhom jimmiraw li jiżguraw li l-attivitajiet previsti f'kull settur ikunu jistgħu jiġu implimentati mingħajr detriment lil xulxin sabiex jintlaħqu l-għanijiet individwali tagħhom filwaqt li flimkien jikkontribwixxu għat-tkabbir sostenibbli tal-ekonomiji marittimi u kostali u għall-użu sostenibbli tar-riżorsi marittimi u kostali.

3.3. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-valur miżjud

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif inhu stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). Kwistjonijiet bħalma huma l-għażla ta' żviluppi attwali, il-lokalità tal-investment, l-iffissar ta' priyoritajiet u d-determinazzjoni ta' soluzzjonijiet huma kwistjonijiet għal teħid ta' deċiżjonijiet fuq livell nazzjonali jew lokali. Il-proċess tal-ippjanar innifsu għandu jkun imwettaq mill-awtoritajiet fl-Istati Membri skont il-governanza nazzjonali u l-istrutturi kostituzzjonali tagħhom, il-prioritajiet tal-politika

settorjali nazzjonali u, sa fejn l-aktar possibbli, għandu jibni fuq mekkaniżmi u politiki eżistenti.

L-azzjoni tal-UE hija ta' valur miżjud biex (1) tiżgura u tissimplifika l-azzjoni tal-Istat Membri fuq l-ippjanar spazjali marittimu u l-ġestjoni integrata tal-kosta biex tiggarantixxi l-implimentazzjoni konsistenti u koerenti mal-UE kollha u biex (2) tiżgura qafas għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri dwar l-ippjanar spazjali marittimu u l-ġestjoni integrata tal-kosta li jikkondividu reġjuni u subreġjuni marittimi. Il-kooperazzjoni transkonfinali fl-ippjanar spazjali marittimu u l-ġestjoni integrata tal-kosta fir-reġjuni u s-subreġjuni tal-baħar tal-UE hija essenzjali, għax l-ekosistemi tal-baħar, iż-żoni tas-sajd, iż-żoni protetti tal-baħar kif ukoll l-infrastrutturi marittimi, bħal kejbils, pajpijiet, passaġġi tat-tbaħħir, żejt, gass u l-installazzjonijiet tar-riħ, eċċ. jaqsmu l-fruntieri nazzjonali.

3.4. Il-prinċipju tal-proporzjonalità

Il-proposta hija f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità stipulat fl-Artikolu 5(4) TUE.

Il-proposta hija limitata għall-fatt li tobbliga lill-Istati Membri jistabbilixxu jew iżommu proċess jew proċessi għall-ippjanar spazjali marittimu u għall-ġestjoni integrata tal-kosta. Hija tistabbilixxi sett ta' rekwiżiti minimi għal dawn il-proċessi, billi tibni fuq l-esperjenza eżistenti fl-Istati Membri u tippermetti l-inkorporazzjoni u l-kontinwazzjoni tagħhom taħt qafas komuni tal-UE.

Ir-rekwiżiti tar-rappurtar huma miżmuma għall-minimu neċessarju biex tkun tista' tiġi vvalutata l-implimentazzjoni tagħha. Il-Kummissjoni se tiżgura li se jsir użu massimu tar-rekwiżiti eżistenti ta' rappurtar. Il-Kummissjoni se tuża l-informazzjoni rrappurtata mill-Istati Membri u kull informazzjoni oħra rilevanti disponibbli permezz tal-leġiżlazzjoni tal-UE inkluż l-Artikolu 19(3) tad-Direttiva 2008/56/KE, biex tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni ta'din id-Direttiva.

Skont id-Dikjarazzjoni Politika Konġunta bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni¹⁰, il-Kummissjoni eżaminat jekk hux se jkun meħtieġa dokumenti ta' spjegazzjoni biex twettaq il-kompitu tagħha ta' sorveljanza tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva. Hawnhekk qieset b'mod xieraq in-natura tad-Direttiva, il-prinċipju tal-proporzjonalità u l-piż amministrattiv addizzjonali possibbli. Fid-dawl tal-għadd limitat tal-obbligi legali f'din id-Direttiva, il-Kummissjoni tqis li ma jkollha ebda diffikultà tissorvelja t-traspożizzjoni korretta ta' din id-Direttiva. Għalhekk, il-Kummissjoni ma titlobx lill-Istati Membri biex jakkumpanjaw in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom b'dokumenti li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti tad-Direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni.

3.5. L-għażla tal-istrument

Il-Kummissjoni tipproponi Direttiva li tirrikjedi li l-Istati Membri jistabbilixxu pjanijiet spazjali marittimi u strateġiji għall-ġestjoni integrata tal-kosta, filwaqt li jiġu rrispettati l-prerogattivi tal-Istati Membri biex ifasslu l-kontenut tagħhom skont il-prijoritajiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali nazzjonali speċifiċi u l-għanijiet ta' politika settorjali u t-tradizzjonijiet legali tagħhom. Il-kunsiderazzjonijiet ta' sussidjarjetà u proporzjonalità wasslu għall-konklużjoni li Regolament ma jkunx xieraq. Barra minn hekk, in-natura proċedurali u bbażata fuq il-proċess tal-istrument huwa rifless l-aħjar permezz ta' Direttiva tat-tip qafas. Min-naħa l-oħra, strument mhux vinkolanti ma jkunx xieraq minħabba li ma jilħaqx uħud mill-għanijiet ta' politika, jiġifieri l-ħtieġa li l-Istati Membri kostali kollha japplikaw l-ippjanar spazjali

¹⁰ ĠU 2011/C 369/02

marittimu u l-ġestjoni integrata tal-kosta u li jiżgura il-kooperazzjoni transkonfinali. Fl-aħħar nett, approċċ leġislattiv jiżgura wkoll li l-proċessi t'hawn fuq jiġu implimentati fi ħdan termini ta' żmien miftiehma.

3.6. Spjegazzjoni ddettaljata tal-proposta

Il-proposta għandha żewġ partijiet, id-Direttiva u l-Anness tagħha.

3.6.1. Id-Direttiva

L-Artikolu 1 jistipula s-suġġett tad-Direttiva

L-Artikolu 2 jistipula l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva

L-Artikolu 3 jiddefinixxi t-termini użati fid-Direttiva.

L-Artikolu 4 jittratta l-istabbiliment ta' pjanijiet spazjali marittimi u strateġiji għall-ġestjoni integrata tal-kosta fuq il-livell tal-Istat Membru.

L-Artikolu 5 jittratta l-għanijiet għall-pjanijiet spazjali marittimi u l-istrateġiji għall-ġestjoni integrata tal-kosta fuq il-livell tal-Istat Membru.

L-Artikolu 6 jispeċifika rekwiżiti minimi komuni għall-pjanijiet spazjali marittimi u għall-istrateġiji ta' ġestjoni integrata tal-kosta.

L-Artikolu 7 jispeċifika r-rekwiżiti minimi għall-pjanijiet spazjali marittimi.

L-Artikolu 8 jispeċifika r-rekwiżiti minimi għall-istrateġiji għall-ġestjoni integrata tal-kosta.

L-Artikolu 9 jipprovdi għal parteċipazzjoni pubblika fl-iżvilupp tal-pjanijiet spazjali marittimi u tal-istrateġiji għall-ġestjoni integrata tal-kosta.

L-Artikolu 10 jittratta l-ġbir tad-dejta u l-iskambju tal-informazzjoni b'appoġġ għall-pjanijiet spazjali marittimi u l-istrateġiji għall-ġestjoni integrata tal-kosta.

L-Artikolu 11 jipprovdi għall-valutazzjoni tal-effetti ambjentali tal-pjanijiet spazjali marittimi u tal-istrateġiji għall-ġestjoni integrata tal-kosta.

L-Artikolu 12 jittratta l-kooperazzjoni bilaterali u multilaterali bejn l-Istati Membri sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni konsistenti fiż-żoni kostali u fir-reġjuni jew is-subreġjuni kollha tal-baħar.

L-Artikolu 13 jirrigwarda l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi.

L-Artikolu 14 jistipula dispożizzjonijiet għall-ħatra ta' awtoritajiet kompetenti għall-implimentazzjoni tad-Direttiva.

L-Artikolu 15 jipprovdi għall-Istati Membri biex jirrappurtaw dwar l-implimentazzjoni lill-Kummissjoni u għall-Kummissjoni biex tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

L-Artikolu 16 jiddeskrivi l-ispeċifikazzjonijiet operattivi u l-passi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva li għalihom il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni.

L-Artikolu 17 jistabbilixxi l-mekkaniżmi għall-kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat implimentattivi tagħha.

L-Artikolu 18 jistabbilixxi r-regoli għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva mill-Istati Membri.

L-Artikolu 19 jipprovdi li d-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 20 isemmi lill-Istati Membri bħala d-destinatarji tad-Direttiva.

3.6.2. *Anness*

L-Anness I jelenka l-elementi ta' informazzjoni dwar l-awtoritajiet kompetenti li l-Istati Membri jridu jipprovdu lill-Kummissjoni.

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi qafas għall-ippjanar spazjali marittimu u għall-ġestjoni integrata tal-kosta

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 43(2), 100(2), 192(1), 194(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni¹²,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

Billi:

- (1) Id-domanda għolja u li qed tiżdied b'rata mgħaġġla għall-ispazju marittimu għal skopijiet differenti, bħall-impjanti tal-enerġija rinnovabbli, it-tbaħħir marittimu u l-attivitajiet tas-sajd, il-konservazzjoni tal-ekosistema u t-turiżmu u l-impjanti tal-akkwakultura, kif ukoll pressjonijiet multipli fuq ir-riżorsi kostali jeħtieġu approċċ ta' ppjanar u ġestjoni integrati.
- (2) Fil-Politika Marittima Integrata¹³ ġie żviluppat approċċ bħal dan għall-Unjoni Ewropea għall-ġestjoni tal-oċeani inkluża, bħala l-pilastru ambjentali tagħha, id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ambjent marin¹⁴. L-għan tal-Politika Marittima Integrata huwa li tappoġġa l-iżvilupp sostenibbli tal-ibħra u l-oċeani u li tiżviluppa teħid tad-deċiżjonijiet ikkoordinat, koerenti u trasparenti fir-rigward tal-politiki settorjali tal-Unjoni li jaffettwaw l-oċeani, l-ibħra, il-gżejjer, ir-regġuni kostali u l-aktar imbiegħda u s-setturi marittimi, inkluż permezz ta' strateġiji dwar il-baċir tal-baħar jew l-istrateġiji makroreġjonali.
- (3) Il-Politika Marittima Integrata tidentifika l-ippjanar spazjali marittimu u l-ġestjoni integrata tal-kosta bħala għodod ta' politika trasversali sabiex l-awtoritajiet pubbliċi u l-partijiet interessati japplikaw approċċ integrat u koordinat. L-applikazzjoni ta' approċċ ibbażat fuq l-ekosistemi se tikkontribwixxi għall-promozzjoni tat-tkabbir sostenibbli tal-ekonomiji marittimi u kostali u l-użu sostenibbli ta' riżorsi tal-baħar u kostali.

¹¹ ĠU C , , p. .

¹² ĠU C , , p. .

¹³ COM (2007) 575 finali.

¹⁴ ĠU L 164, 25.6.2008.

- (4) L-ippjanar spazjali marittimu u l-ġestjoni integrata tal-kosta jappoġġaw u jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv¹⁵, approvata mill-Kunsill Ewropew f'Ġunju 2010¹⁶, li għandha l-għan li twassal għal livelli għolja ta' impjegi, produttività u koeżjoni soċjali, inkluża l-promozzjoni ta' ekonomija iktar kompetittiva, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u aktar ekoloġika. Is-setturi kostali u marittimi għandhom potenzjal sinifikanti għat-tkabbir sostenibbli u li huwa essenzjali għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija.
- (5) Fil-Komunikazzjoni riċenti tagħha dwar it-Tkabbir Blu¹⁷, Opportunitajiet għal Tkabbir Sostenibbli fis-Settur tal-Baħar u dak Marittimu, il-Kummissjoni identifikat għadd ta' inizjattivi li għaddejjin bħalissa tal-UE li huma maħsuba biex jimplimentaw l-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv. Il-Komunikazzjoni identifikat ukoll għadd ta' attivitajiet fis-settur li l-inizjattivi għat-tkabbir blu għandu jiffoka fuqhom fil-futur u li għandhom ikunu appoġġati adegwament minn pjanijiet spazjali marittimi u strateġiji għall-ġestjoni integrata tal-kosta.
- (6) Ir-Regolament (UE) Nru 1255/2011, li jistabbilixxi Programm biex jiġi appoġġat l-iżvilupp ulterjuri ta' Politika Marittima Integrata, jappoġġa u jiffaċilita l-implimentazzjoni tal-ippjanar spazjali marittimu u tal-ġestjoni integrata tal-kosta. Dan ir-Regolament jipprovdi finanzjament xieraq għall-ippjanar spazjali marittimu u għall-proġetti ta' ġestjoni integrata tal-kosta għall-2011-2013. Ir-Regolament (UE) Nru XXXX/XX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd jipprovdi għal finanzjament xieraq għal proġetti bħal dawn għall-2014-2020¹⁸.
- (7) Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS) tiddikjara fil-preambolu tagħha li l-kwistjonijiet relatati mal-użu tal-ispazju oċeaniku huma marbuta mill-qrib ma' xulxin u jeħtieġ li jitqiesu bħala entità sħiħa. L-ippjanar tal-ispazju oċeaniku huwa l-azzjoni ta' avvanz u l-istrutturar loġiċi tal-użu tad-drittijiet mogħtija skont l-UNCLOS u għodda Prattika fl-assistenza lill-Istati Membri biex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom.
- (8) Sabiex jiġi żgurat it-tqassim xieraq tal-ispazju marittimu fost l-użi rilevanti u l-ġestjoni koordinata taż-żoni kostali, għandu jitwaqqaf qafas li jikkonsisti minn tal-inqas l-istabbiliment u l-implimentazzjoni mill-Istati Membri ta' pjanijiet spazjali marittimi u strateġiji għall-ġestjoni integrata tal-kosta.
- (9) L-ippjanar spazjali marittimu u l-ġestjoni integrata tal-kosta se jirriżultaw f'koordinazzjoni aħjar tal-attivitajiet marittimi u kostali, li tista' twassal għal benefiċċji ekonomiċi sinifikanti billi ttipprovdi trasparenza, prevedibbiltà u stabbiltà għall-investituri kif ukoll tnaqqas l-ispejjeż tal-koordinazzjoni u tat-tranżazzjoni.
- (10) Sabiex jiġi żgurati l-konsistenza u l-ċarezza legali, il-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku għall-ippjanar spazjali marittimu u l-istrateġiji għall-ġestjoni integrata tal-kosta għandhom jiġi definiti f'konformità mal-istrumenti leġislattivi eżistenti tal-Unjoni u l-liġi marittima internazzjonali.

¹⁵ COM(2010) 2020 finali.

¹⁶ Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2010.

¹⁷ COM (2012) 494 finali.

¹⁸ COM (2011) 804 finali.

- (11) Il-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tal-ilmijiet tal-ibħra u taż-żoni kostali jidħol kemm fl-ilmijiet kostali kif ukoll f'dawk territorjali tal-Istati Membri. L-għodod tal-ippjanar spazjali marittimu u tal-ġestjoni integrata tal-kosta huma kumplementari, peress li jiffukaw rispettivament fuq l-immappjar eżistenti u potenzjali tal-attivitajiet tal-bniedem bl-għan li jippreparaw il-pjanijiet spazjali marittimi fl-ilmijiet tal-ibħra u dwar l-identifikazzjoni ta' miżuri għall-ġestjoni integrata ta' dawn l-attivitajiet tal-bniedem fiż-żoni kostali. L-applikazzjoni koerenti konġunta tal-Pjanijiet Spazjali Marittimi u tal-Istrateġiji għall-Ġestjoni Integrata tal-Kosta se ttejjeb l-interfaċċja tal-ippjanar u l-ġestjoni bejn l-art u l-baħar.
- (12) Filwaqt li huwa xieraq li l-Unjoni tistabbilixxi regoli dwar pjanijiet spazjali marittimi u strateġiji għall-ġestjoni integrata tal-kosta, l-Istati Membri u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jibqgħu responsabbli għat-tfassil u d-determinazzjoni, fi ħdan l-ilmijiet tal-ibħra u ż-żoni kostali tagħhom, tal-kontenut ta' dawn il-pjanijiet u l-istrateġiji, inkluż it-tqassim tal-isparju marittimu għall-attivitajiet tas-setturi differenti.
- (13) Sabiex jirrispettaw il-proporzjonalità u s-sussidjarjetà, kif ukoll biex ikun minimizzat il-piż amministrattiv addizzjonali, it-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom kemm jista' jkun jibnu fuq regoli u mekkaniżmi nazzjonali eżistenti. L-istrateġiji għall-ġestjoni integrata tal-kosta għandhom jibnu fuq il-prinċipji u l-elementi stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2002/413/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/631/UE.
- (14) Fl-ilmijiet tal-ibħra u ż-żoni kostali, l-ekosistemi u r-riżorsi tal-baħar u kostali huma suġġetti għal pressjonijiet sinifikanti. L-attivitajiet tal-bniedem, iżda wkoll l-effetti tat-tibdil fil-klima, il-perikli naturali u d-dinamika mal-linja tal-kosta bħall-erożjoni u l-akkrexximent, jista' jkollhom impatti ħorox fuq l-iżvilupp u t-tkabbir ekonomiku kostali, kif ukoll l-ekosistemi kostali u tal-baħar u dan iwassal għad-deterjorazzjoni tal-istatus ambjentali, it-telf tal-bijodiversità u d-degradazzjoni tas-servizzi tal-ekosistemi. Għandha tingħata kunsiderazzjoni xierqa għal dawn id-diversi pressjonijiet fl-istabbiliment tal-pjanijiet spazjali marittimi u l-istrateġiji għall-ġestjoni integrata tal-kosta. Barra minn hekk, ekosistemi kostali u tal-baħar b'saħħithom u s-servizzi multipli tagħhom, jekk ikunu integrati fid-deċiżjonijiet dwar l-ippjanar, jistgħu jwasslu għal benefiċċji sostanzjali f'termini tal-produzzjoni tal-ikel, ir-rikreazzjoni u t-turiżmu, il-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, il-kontroll tad-dinamika tal-linja tal-kosta u l-prevenzjoni tad-diżastri.
- (15) L-ippjanar spazjali marittimu u l-ġestjoni integrata tal-kosta għandhom japplikaw l-approċċ ibbażat fuq l-ekosistemi kif imsemmi fl-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 2008/56/KE sabiex jiżguraw li l-pressjoni kollettiva tal-attivitajiet kollha tinżamm fi ħdan livelli kompatibbli mal-ksib ta' status ambjentali tajjeb u li ma tkunx kompromessa l-kapaċità tal-ekosistemi tal-baħar li jirreaġixxu għall-bidliet ikkawżati mill-bniedem, filwaqt li jippermettu l-użu sostenibbli ta' oġġetti u servizzi tal-baħar mill-ġenerazzjonijiet ta' issa u tal-ġejjieni.
- (16) L-ippjanar spazjali marittimu u l-ġestjoni integrata tal-kosta se jikkontribwixxu, fost oħrajn, sabiex jintlaħqu l-għanijiet tad-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli¹⁹, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd

¹⁹ ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16-62.

skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd²⁰, id-Deċiżjoni Nru 884/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 1692/96/KE dwar il-linji gwida Komunitarji sabiex jiġi żviluppat netwerk trans-Ewropew tat-trasport²¹, id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma, id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin, l-Istrateġija tal-UE għall-bijodiversità sal-2020²², il-Pjan Direzzjonali għal Ewropa b'Użu Effiċjenti tar-Riżorsi²³, l-Istrateġija tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima²⁴ kif ukoll, fejn hu xieraq, dawk dwar il-Politika Reġjonali tal-UE, inkluż il-baċir tal-baħar u l-istrateġiji makroreġjonali.

- (17) L-attivitàjiet marittimi u dawk kostali huma spiss interrelatati mill-qrib. Dan jirrikjedi pjanijiet spazjali marittimi u strateġiji għall-ġestjoni integrata tal-kosta li jkunu koordinati jew integrati sabiex jiggarrantixxu l-użu sostenibbli tal-ispazju marittimu u l-ġestjoni taż-żoni kostali filwaqt li jitqiesu l-fatturi soċjali, ekonomiċi u ambjentali.
- (18) Sabiex jinkisbu l-għanijiet ta' din id-Direttiva, il-pjanijiet spazjali marittimi u l-istrateġiji għall-ġestjoni integrata tal-kosta għandhom ikopru ċ-ċiklu sħiħ tal-identifikazzjoni tal-problema, il-ġbir ta' informazzjoni, l-ippjanar, it-teħid ta' deċiżjonijiet, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u jkunu bbażati fuq l-aqwa għarfien xjentifiku disponibbli. Għandu jsir l-aqwa użu tal-mekkaniżmi stabbiliti f'leġislazzjoni eżistenti jew futura, inkluża d-Deċiżjoni 2010/477/UE dwar kriterji u standards metodoloġiċi għal status ambjentali tajjeb ta' ilmijiet tal-ibħra jew l-inizjattiva tal-Kummissjoni dwar l-Għarfien dwar il-Baħar 2020²⁵.
- (19) L-iskop ewlieni tal-ippjanar spazjali marittimu huwa li jiġu identifikati u mmaniġġjati l-użi u l-kunflitti spazjali fiż-żoni marittimi. Sabiex jintlaħaq dak l-iskop, jeħtieġ li tal-inqas l-Istati Membri jiżguraw li l-proċess jew il-proċessi tal-ippjanar jirriżultaw f'mappa komprensiva li tidentifika l-użi differenti tal-ispazju marittimu, filwaqt li jitqiesu l-bidliet fit-tul minħabba t-tibdil fil-klima.
- (20) L-Istati Membri għandhom jikkonsultaw u jikkordinaw il-pjanijiet u l-istrateġiji tagħhom mal-awtoritajiet tal-Istat Membru jew tal-pajjiż terz rilevanti fir-reġjun jew is-subreġjun tal-baħar jew iż-żona kostali kkonċernata skont id-drittijiet u l-obbligi ta' dawn l-Istati Membri u pajjiżi terzi taħt il-liġi Ewropea u dik internazzjonali. Il-kooperazzjoni transkonfinali effikaċi bejn l-Istati Membri u ma' pajjiżi terzi ġirien teħtieġ l-identifikazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti f'kull Stat Membru. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom jaħtru l-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-kooperazzjoni ma' Stati Membri oħra jew pajjiżi terzi. Minħabba d-differenzi bejn diversi reġjuni jew subreġjuni tal-baħar u ż-żoni kostali, mhuwiex xieraq li f'din id-Direttiva jiġi preskritt fid-dettall kif għandhom ikunu dawn il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni.
- (21) Fiż-żoni kostali japplikaw varjetà ta' miżuri taħt politiki differenti. Sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jippreparaw inventarju ta'

²⁰ ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59-80.

²¹ ĠU L 167, 30.04.2004, p. 1-38.

²² COM (2011) 244 finali.

²³ COM (2011) 571 finali.

²⁴ COM(2013) XXX.

²⁵ COM (2010) 461 finali.

dawn il-miżuri u janalizzaw il-ħtieġa għal azzjonijiet addizzjonali, bħal azzjonijiet għall-prevenzjoni tal-erożjoni u l-amministrazzjoni tal-akkrexximent, għall-adattament għall-effetti tat-tibdil fil-klima, għall-ġlieda kontra l-iskart kostali u tal-baħar, għall-iżvilupp ta' infrastruttura ekoloġika u sabiex ikun ta' għajjnuna fil-prevenzjoni tad-diżastri naturali. Dawn għandhom jiġu applikati b'mod koordinat u integrat. Meta jagħmlu dan, l-Istati Membri għandhom iqisu l-attivitajiet kostali rilevanti kollha u jagħtu attenzjoni partikolari lill-interazzjonijiet transsettorjali u dawk bejn l-art u l-baħar bejn dawn l-attivitajiet.

- (22) Il-ġestjoni ta' żoni marittimi u kostali hija kumplessa u tinvolvi livelli differenti ta' awtoritajiet, operaturi ekonomiċi u partijiet interessati oħra. Sabiex ikun garantit l-iżvilupp sostenibbli b'mod effettiv, huwa essenzjali li l-partijiet interessati, l-awtoritajiet u l-pubbliku jiġu kkonsultati fi stadju adattat fit-tnejn ta' pjanijiet spazjali marittimi u strateġiji għall-ġestjoni integrata tal-kosta skont din id-Direttiva, f'konformità mal-leġislazzjoni rilevanti tal-UE. Eżempju tajjeb għad-dispożizzjonijiet dwar il-konsultazzjoni pubblika jista' jinstab fl-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/35.
- (23) Permezz tal-pjanijiet spazjali marittimi u l-istrateġiji għall-ġestjoni integrata tal-kosta l-Istati Membri jistgħu jnaqqsu l-piż u l-ispejjeż amministrattivi b'appoġġ għall-azzjoni tagħhom biex jimplimentaw leġislazzjoni oħra rilevanti tal-Unjoni. L-iskedi taż-żmien għall-pjanijiet spazjali marittimi u l-istrateġiji għall-ġestjoni integrata tal-kosta għandhom għalhekk ikunu koerenti mal-iskedi taż-żmien stabbiliti fl-leġislazzjoni oħra rilevanti, speċjalment: id-Direttiva 2009/28/KE, li teħtieġ li Stat Membru jiżgura li s-sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali tal-enerġija fl-2020 ikun tal-inqas 20 % u li tidentifika koordinazzjoni tal-awtorizzazzjoni, iċ-ċertifikazzjoni u l-proċeduri tal-ippjanar, inkluż l-ippjanar spazjali bħala kontribuzzjoni importanti biex jintlaħqu l-miri tal-UE għall-enerġija rinnovabbli; id-Direttiva 2008/56/KE u l-Anness A(6) tad-Deċiżjoni 2010/477/UE, li teħtieġ li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiksibu jew iżommu status ambjentali tajjeb fl-ambjent tal-baħar sal-2020 u li tidentifika l-ippjanar spazjali marittimu bħala għodda ta' appoġġ għall-approċċ ibbażat fuq l-ekosistema fil-ġestjoni tal-attivitajiet umani sabiex jinkiseb status ambjentali tajjeb; id-Deċiżjoni 884/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 1692/96/KE dwar linji gwida Komunitarji sabiex jiġi żviluppat netwerk trans-Ewropew tat-trasport li teħtieġ li n-netwerk trans-Ewropew tat-trasport jiġi stabbilit sal-2020 permezz tal-integrazzjoni tan-netwerk tal-infrastruttura tat-trasport fuq l-art, fil-baħar u fl-ajru.
- (24) Il-valutazzjoni ambjentali hija għodda importanti u stabbilita għall-integrazzjoni tal-kunsiderazzjonijiet ambjentali fil-preparazzjoni u l-adozzjoni ta' pjanijiet u programmi. Peress li l-pjanijiet spazjali marittimi u l-istrateġiji għall-ġestjoni integrata tal-kosta x'aktarx li jkollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent, dawn għandhom ikunu suġġetti għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent.²⁶ Meta pjanijiet spazjali marittimi u strateġiji għall-ġestjoni integrata tal-kosta jinkludu siti ta' Natura 2000, valutazzjoni ambjentali bħal din tista' tiġi magħquda mar-rekwiżiti tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 92/43/KEE, biex tiġi evitata d-duplikazzjoni.
- (25) Sabiex jiġi żgurat li l-istabbiliment tal-pjanijiet spazjali marittimi u tal-istrateġiji għall-ġestjoni integrata tal-kosta ikun ibbażat fuq dejta affidabbli u biex ikun evitat piż amministrattiv żejjed, huwa essenzjali li l-Istati Membri jiġbru l-aħjar dejta u

²⁶

ĠU L 197, 21.07.2001.

informazzjoni disponibbli permezz tal-użu ta' strumenti u għodod eżistenti għall-ġbir tad-dejta, bħal dawwż żviluppati fil-kuntest tal-inizjattiva tal-Għarfien dwarz il-Baħar 2020.

- (26) L-Istati Membri għandhom jipproduċu rapporti nazżjonali lill-Kummissżjoni biex tissorvelja l-implimentazzżjoni ta' din id-Direttiva. Sabiex jiżnaqqas il-piż amministrattiv, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jużaw ir-rappurtar magħmul taħt il-leġiżlazzżjoni rilevanti, inkluż ir-rappurtar skont id-Direttiva 2008/56/KE. Il-Kummissżjoni se tuża l-informazzżjoni rappurtata mill-Istati Membri u kull informazzżjoni oħra rilevanti disponibbli permezz tal-leġiżlazzżjoni tal-UE biex tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwarz il-progress li jkun sar fl-implimentazzżjoni ta' din id-Direttiva.
- (27) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzżjoni uniformi ta' din id-Direttiva, b'mod partikolari fir-rigward tal-ġestżjoni tad-dejta u l-passi operattivi għall-istabbiliment, l-implimentazzżjoni u r-rappurtar tal-pjanijiet spazjali marittimi u l-istrateġiji għall-ġestżjoni integrata tal-kosta, inklużi formati tekniċi għall-qsim tad-dejta, għandhom jingħataw setgħat ta' implimentazzżjoni lill-Kummissżjoni. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwarz il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzżjoni mill-Kummissżjoni tas-setgħat ta' implimentazzżjoni²⁷.
- (28) It-traspożizzżjoni f'waqtha tad-dispożizzżjonijiet ta' din id-Direttiva hija essenzjali peress li l-UE adottat għadd ta' inizjattivi ta' politika li għandhom jiġu implimentati sas-sena 2020 u li din id-Direttiva għandha l-għan li ssostni. Għalhekk għandha tiġi adottata l-iqsar data ta' skadenza possibbli għat-traspożizzżjoni ta' din id-Direttiva.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas għall-ippjanar spazjali marittimu u għall-ġestżjoni integrata tal-kosta u għandha l-għan li tippromwovi t-tkabbir sostenibbli tal-ekonomiji marittimi u kostali u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar u daww kostali.
2. Fi ħdan il-Politika Marittima Integrata tal-Unżjoni, dan il-qafas jipprovdi għall-istabbiliment u l-implimentazzżjoni mill-Istati Membri ta' pjanijiet spazjali marittimi u ta' strateġiji għall-ġestżjoni integrata tal-kosta bl-iskop li jintlaħqu l-għanijiet speċifikati fl-Artikolu 5.

²⁷ ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw għall-ilmijiet tal-ibħra u għaż-żoni kostali.
2. Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal attivitajiet li l-uniku għan tagħhom hu d-difiża jew is-sigurtà nazzjonali. Kull Stat Membru għandu, madankollu, ifittex li jiżgura li tali attivitajiet jitwettqu b'mod li jkun kompatibbli mal-għanijiet ta' din id-Direttiva.
3. Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Istati Membri għall-ippjanar urban u rurali.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. "Żona kostali" tfisser żona ġeomorfoloġika fuq iż-żewġ naħat ta' żona ta' xatt il-baħar bil-limitu fuq in-naħa tal-baħar ikun il-limitu estern tal-ibħra territorjali tal-Istati Membri u l-limitu fuq in-naħa tal-art ikun il-limitu kif definit mill-Istati Membri fl-istrateġiji għall-ġestjoni integrata tal-kosta tagħhom.
2. "Politika Marittima Integrata" tfisser il-politika tal-Unjoni bl-għan li trawwem teħid tad-deċiżjonijiet koordinat u koerenti biex jiġi mmassimizzat l-iżvilupp sostenibbli, it-tkabbir ekonomiku u l-koeżjoni soċjali tal-Istati Membri, b'mod partikolari fir-rigward tar-reġjunijiet kostali, insulari u l-aktar imbiegħda fl-Unjoni, kif ukoll is-setturi marittimi, permezz ta' politiki koerenti relatati mas-settur marittimu u kooperazzjoni internazzjonali rilevanti.
3. "Reġjun jew subreġjun tal-baħar" tfisser reġjuni u subreġjuni tal-baħar kif imsemmi fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/56/KE.
4. "Ilmijiet tal-ibħra" tfisser l-ilmijiet, qiegħ il-baħar u s-subsoil kif definiti fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2008/56/KE.
5. "Pubbliku" tfisser l-involvement ta' persuna naturali jew ġuridika waħda jew aktar, u, skont il-leġiżlazzjoni jew il-prassi nazzjonali, l-assoċjazzjonijiet, l-organizzazzjonijiet jew il-gruppi tagħhom;
6. "Attivitajiet tas-settur" tfisser dawk l-attivitajiet li jaqgħu taħt il-politiki tal-Unjoni msemmija fil-Parti Tlieta tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li jkollhom impatt fuq l-ilmijiet tal-baħar u ż-żoni kostali.
7. "Stat ambjentali tajjeb" tfisser l-istatus ambjentali msemmi fl-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 2008/56/KE.

KAPITOLU II

Pjanijiet spazjali marittimi u strateġiji għall-ġestjoni integrata tal-kosta

Artikolu 4

Stabbiliment u implimentazzjoni tal-pjanijiet spazjali marittimi u tal-istrateġiji għall-ġestjoni integrata tal-kosta

1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi u jimplimenta pjan jew pjanijiet spazjali marittimu/i u strateġija jew strateġiji għall-ġestjoni integrata tal-kosta. Dawn jistgħu jkunu ppreparati f' dokumenti separati.
2. Il-pjanijiet spazjali marittimi u l-istrateġiji għall-ġestjoni integrata tal-kosta għandhom isegwu l-għanijiet elenkati fl-Artikolu 5 u jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi msemmija fl-Artikoli 6, 7 u 8.
3. Meta jistabbilixxu pjanijiet spazjali marittimi u strateġiji għall-ġestjoni integrata tal-kosta, l-Istati Membri għandhom iqisu b'mod xieraq il-partikolaritajiet tar-reġjuni u s-subreġjuni, l-attivitajiet tas-settur rispettiv, l-ilmijiet tal-baħar u ż-żoni kostali kkonċernati u l-impatti potenzjali tat-tibdil fil-klima.
4. Il-pjanijiet spazjali marittimi u l-istrateġiji għall-ġestjoni integrata tal-kosta jistgħu jinkludu jew jibnu fuq mekkaniżmi li ġew jew qed jiġu stabbiliti qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, sakemm l-kontenut tagħhom ikun konformi mar-rekwiżiti minimi speċifikati fl-Artikoli 6, 7 u 8.

Artikolu 5

Għanijiet tal-pjanijiet spazjali marittimi u l-istrateġiji għall-ġestjoni integrata tal-kosta

Il-pjanijiet spazjali marittimi u l-istrateġiji għall-ġestjoni integrata tal-kosta għandhom japplikaw approċċ ibbażat fuq l-ekosistema biex jiffaċilitaw il-koeżistenza u jevitaw il-kunflitti bejn attivitajiet ta' setturi li jikkompetu bejniethom fl-ilmijiet tal-ibħra u ż-żoni kostali, u għandhom l-għan li jikkontribwixxu biex:

- (a) jiżguraw il-provvista tal-enerġija tal-Unjoni billi jippromwovu l-iżvilupp ta' sorsi tal-enerġija tal-baħar, l-iżvilupp ta' forum ġodda u rinnovabbli tal-enerġija, l-interkonnessjoni ta' networks tal-enerġija, u l-effiċjenza enerġetika;
- (b) jippromwovu l-iżvilupp tat-trasport marittimu u jipprovdu rotot ta' tbaħħir effiċjenti u kosteffikaċi mal-Ewropa kollha, inkluż l-aċċessibbiltà għall-port u s-sikurezza tat-trasport;
- (c) irawmu l-iżvilupp sostenibbli u t-tkabbir tas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura, inkluż l-impjiegi fis-settur tas-sajd u s-setturi konnessi;
- (d) jiżguraw il-preżervazzjoni, il-protezzjoni u t-titjib tal-ambjent kif ukoll l-użu prudenti u razzjonali tar-riżorsi naturali, sabiex jintlaħaq status ambjentali tajjeb, jitwaqqaf it-telf tal-bijodiversità u d-degradazzjoni tas-servizzi tal-ekosistemi u jitnaqqsu r-riskji tat-tniġġis tal-baħar;
- (e) jiżguraw żoni kostali u tal-baħar li jifilħu jirreżistu għall-klima.

Artikolu 6

Rekwiżiti minimi komuni għall-pjanijiet spazjali marittimi u għall-istrategġiji għall- għestjoni integrata tal-kosta

1. Il-pjanijiet spazjali marittimi u l-istrategġiji għall-għestjoni integrata tal-kosta għandhom jistabbilixxu passi operattivi sabiex jintlaħqu l-għanijiet stipulati fl-Artikolu 5 filwaqt li jqisu l-attivitajiet kollha rilevanti u l-miżuri applikabbli għalihom.
2. B'hekk, il-pjanijiet spazjali marittimi u l-istrategġiji għall-għestjoni integrata tal-kosta għandhom, tal-inqas:
 - (a) ikunu reċiprokament koordinati, sakemm ma jkunux integrati;
 - (b) jiżguraw kooperazzjoni transkonfinali effettiva bejn l-Istati Membri, u bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-partijiet interessati tas-setturi ta' politika rilevanti;
 - (c) jidentifikaw l-effetti transkonfinali tal-pjanijiet spazjali marittimi u l-istrategġiji għall-għestjoni integrata tal-kosta fuq l-ilmijiet tal-ibħra u ż-żoni kostali taħt is-sovraniżatà u/jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi fl-istess reġjun jew subreġjun tal-baħar u jitrattawhom b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti ta' dawn il-pajjiżi skont l-Artikoli 12 u 13.
3. Il-pjanijiet spazjali marittimi u l-istrategġiji għall-għestjoni integrata tal-kosta għandhom jiġu riveduti tal-inqas kull 6 snin.

Artikolu 7

Rekwiżiti minimi speċifiċi għall-pjanijiet spazjali marittimi

1. Il-pjanijiet spazjali marittimi għandu jkun fihom tal-anqas immappjar tal-ilmijiet tal-baħar li jidentifikaw id-distribuzzjoni spazjali u temporali attwali u potenzjali tal-attivitajiet marittimi kollha rilevanti sabiex jinkisbu l-għanijiet kif stipulat fl-Artikolu 5.
2. Meta jkunu qed jistabbilixxu l-pjanijiet spazjali marittimi l-Istati Membri għandhom iqisu, tal-anqas, l-attivitajiet li ġejjin:
 - (a) l-impjanti għall-estrazzjoni tal-enerġija u l-produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli;
 - (b) is-siti u l-infrastrutturi tal-estrazzjoni taż-żejt u tal-gass;
 - (c) ir-rotot tat-trasport marittimu;
 - (d) il-kejbil ta' taħt il-baħar u r-rotot tal-pipeline;
 - (e) iż-żoni tas-sajd;
 - (f) is-siti ta' trobbija fuq il-baħar;
 - (g) is-siti ta' konservazzjoni tan-natura.

Artikolu 8

Rekwiżiti minimi speċifiċi għall-istrategġiji għall-ġestjoni integrata tal-kosta

1. L-istrategġiji għall-ġestjoni integrata tal-kosta għandu jkun fihom tal-anqas, inventarju tal-miżuri eżistenti applikati f'żoni kostali u analiżi tal-ħtieġa għal azzjonijiet addizzjonali sabiex jintlaħqu l-għanijiet stipulati fl-Artikolu 5. L-istrategġiji għandhom jipprovdu għal-implimentazzjoni ta' politika integrata u transsettorjali u jikkunsidraw l-interazzjonijiet bejn l-attivitajiet terrestri u marittimi.
2. Meta jkun qed jistabbilixxu l-istrategġiji għall-ġestjoni integrata tal-kosta, l-Istati Membri għandhom iqisu, tal-inqas, l-attivitajiet li ġejjin
 - (a) l-utilizzazzjoni ta' riżorsi naturali speċifiċi inklużi l-impjanti għall-estrazzjoni tal-enerġija u l-produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli;
 - (b) l-iżvilupp tal-infrastruttura, tal-faċilitajiet tal-enerġija, tat-trasport, tal-portijiet, tax-xogħlijiet marittimi u ta' strutturi oħra inkluża l-infrastruttura ekoloġika;
 - (c) l-agrikoltura u l-industrija;
 - (d) is-sajd u l-akkwakultura;
 - (e) il-konservazzjoni, ir-restawr u l-ġestjoni tal-ekosistemi kostali, is-servizzi tal-ekosistema u n-natura, il-pajsaġġi kostali u l-gżejjer;
 - (f) il-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima.

Artikolu 9

Parteċipazzjoni pubblika

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mezzi għall-parteċipazzjoni pubblika tal-partijiet kollha interessati fi stadju bikri fl-iżvilupp tal-pjanijiet spazjali marittimi u l-istrategġiji għall-ġestjoni integrata tal-kosta.
2. Il-parteċipazzjoni pubblika għandha tiżgura li l-partijiet interessati rilevanti u l-awtoritajiet u l-pubbliku kkonċernati jkun kkonsultati dwar l-abbozz tal-pjanijiet u l-istrategġiji u jkollhom aċċess għar-riżultati hekk kif dawn ikunu disponibbli.
3. Meta jkun qed jistabbilixxu mezzi għall-konsultazzjoni pubblika, l-Istati Membri għandhom jaġixxu skont id-dispożizzjonijiet rilevanti f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 10

Ġbir tad-dejta u skambju tal-informazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jorganizzaw il-ġbir tal-aħjar dejta disponibbli u l-iskambju tal-informazzjoni meħtieġa għall-pjanijiet spazjali marittimi u l-istrategġiji għall-ġestjoni integrata tal-kosta.
2. Id-dejta msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi:

- (a) Dejta ambjentali, soċjali u ekonomika miġbura skont id-dispożizzjonijiet tal-leġislazzjoni tal-Unjoni Ewropea li jikkonċernaw l-attivitajiet imsemmija fl-Artikoli 7 u 8;
 - (b) Dejta fiżika tal-baħar fl-ilmijiet tal-ibħra u dejta ġeomorfoloġika fiż-żoni kostali.
3. Meta jkunu qed jorganizzaw il-ġbir u l-iskambju tad-dejta msemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jagħmlu użu, sa fejn huwa possibbli, ta' strumenti u għodod żviluppati skont il-Politika Marittima Integrata.

Artikolu 11

Valutazzjoni tal-effetti ambjentali

Il-pjanijiet spazjali marittimi u l-istrateġiji għall-ġestjoni integrata tal-kosta huma suġġetti għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/42/KE.

Artikolu 12

Kooperazzjoni ma' Stati Membri oħra

1. Kull Stat Membru li għandu konfini ma' żona kostali jew żona marittima ta' Stat Membru ieħor għandu jikkoopera biex jiżgura li l-pjanijiet spazjali marittimi u l-istrateġiji għall-ġestjoni integrata tal-kosta jkunu koerenti u kkoordinati maż-żona kostali jew ir-reġjun u/jew is-subreġjun kollha kkonċernati. Kooperazzjoni bħal din għandha b'mod partikolari tqis kwistjonijiet ta' natura transnazzjonali, bħall-infrastruttura transkonfinali.
2. Il-kooperazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 se tintlaħaq permezz ta':
 - (a) strutturi ta' kooperazzjoni reġjonali istituzzjonali li jkopru ż-żona kostali jew ir-reġjun jew is-subreġjun tal-baħar ikkonċernati, jew
 - (b) network dedikat tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li jkopru reġjun tal-baħar u/jew subreġjun ikkonċernat.

Artikolu 13

Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi

L-Istati Membri li jmissu ma' żona kostali jew żona marittima ta' pajjiż terz għandhom jagħmlu kull sforz biex jikkoordinaw il-pjanijiet spazjali marittimi u l-istrateġiji għall-ġestjoni integrata tal-kosta tagħhom ma' dak il-pajjiż terz fir-reġjun jew is-subreġjun tal-baħar u ż-żona kostali relatata kkonċernati.

KAPITOLU III

IMPLIMENTAZZJONI

Artikolu 14

Awtoritajiet kompetenti

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar għal kull żona kostali u reġjun jew subreġjun tal-baħar ikkonċernat, l-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, inkluż biex jiżgura l-kooperazzjoni ma' Stati Membri oħra kif definit fl-Artikolu 12 u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi kif definit fl-Artikolu 13.
2. Kull Stat Membru għandu jipprovdi lill-Kummissjoni b'lista tal-awtoritajiet kompetenti, flimkien mal-elementi ta' informazzjoni elenkati fl-Anness I ta' din id-Direttiva.
3. Fl-istess waqt, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni lista tal-awtoritajiet kompetenti tagħhom fir-rigward ta' dawk il-korpi internazzjonali li fihom huma jipparteċipaw u li huma rilevanti għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.
4. Kull Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni bi kwalunkwe tibdil fl-informazzjoni pprovduta skont il-paragrafu 1 sa sitt xhur minn meta jidħol fis-seħħ tibdil bħal dan.

Artikolu 15

Monitoraġġ u Rapportar

1. Kull Stat Membru għandu jipprovdi rapport lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u juża rapporti, informazzjoni u dejta disponibbli skont leġislazzjoni oħra tal-UE, u fejn rilevanti jagħmel referenza għalihom.
2. Dan ir-rapport għandu tal-anqas ikun fih informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Artikoli 6 sa 13.
3. Il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport ta' progress lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jiddeskrivi fil-qosor il-progress li sar fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

Artikolu 16

Atti ta' implimentazzjoni

1. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta regoli dwar:
 - (a) l-ispeċifikazzjonijiet operattivi għall-ġestjoni tad-dejta msemmija fl-Artikolu 10, sakemm dawn ma jkunux ġew stabbiliti minn leġislazzjoni oħra tal-UE, bħad-Direttiva 2007/2/KE jew 2008/56/KE, dwar
 - il-qsim tad-dejta, u l-ħidma f'konnessjoni ma' proċessi eżistenti tal-ġestjoni u l-ġbir tad-dejta; kif ukoll

- (b) l-istadji operattivi għall-istabbiliment u r-rappurtar dwar il-pjanijiet spazjali marittimi u l-istrateġiji għall-ġestjoni integrata tal-kosta li jikkonċernaw:
- il-koerenza tal-obbligi tar-rappurtar taħt din id-Direttiva ma' leġiżlazzjoni oħra rilevanti tal-Unjoni;
 - iċ-ċikli ta' monitoraġġ u reviżjoni;
 - il-modalitajiet ta' kooperazzjoni transkonfinali;
 - il-konsultazzjoni pubblika.

2. L-atti ta' implimentazzjoni msemija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu adottati skont il-proċedura msemija fl-Artikolu 17(2).

Artikolu 17

Proċedura ta' Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament 182/2011²⁸.
2. Fejn issir referenza għall-paragrafu 1, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament 182/2011.

KAPITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 18

Traspożizzjoni

1. Kull Stat Membru għandu jdaħħal fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tagħha. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.
2. Meta l-Istati Membri jadottaw il-miżuri msemija fil-paragrafu 1, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. Kull Stat Membru għandu jiddeċiedi kif għandha ssir din ir-referenza.
3. L-awtorità jew l-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 14(1) għandha/għandhom tinħatar/jinhattru fi żmien 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.
4. Il-pjanijiet spazjali marittimi u l-istrateġiji għall-ġestjoni integrata tal-kosta msemmin fl-Artikolu 4(1) għandhom jiġu stabbiliti fi ħdan perjodu ta' 36 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.
5. Ir-rapporti msemija fl-Artikolu 15(1) għandhom jingħataw mhux aktar tard minn 42 xahar wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva, u kull sitt snin minn hemm 'il quddiem.

²⁸

ĠU L 55, 28/2/2011.

6. Ir-rapport ta' progress imsemmi fl-Artikolu 15(3) għandu jiġi ppreżentat mhux aktar tard minn 6 xhur wara d-data msemmija fil-paragrafu 5, u kull 6 snin minn hemm 'il quddiem.

Artikolu 19

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 20

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS I

Awtoritajiet kompetenti

- (1) L-isem u l-indirizz tal-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti – l-isem u l-indirizz uffiċjali tal-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti identifikati.
- (2) L-istatus legali tal-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti – deskrezzjoni qasira tal-istatus legali tal-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti.
- (3) Ir-responsabbiltajiet – deskrezzjoni qasira tar-responsabbiltajiet legali u amministrattivi tal-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti u tar-rwol tiegħu/tagħhom fir-rigward tal-ilmijiet tal-ibħra kkonċernati.
- (4) Is-sħubija – meta l-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti tagħxi/jagħxu bħala korp ta' koordinament għal awtoritajiet kompetenti oħrajn, tkun meħtieġa lista ta' dawn tal-aħħar flimkien ma' sommarju tar-relazzjonijiet istituzzjonali stabbiliti sabiex tiġi żgurata l-koordinazzjoni.
- (5) Il-koordinazzjoni reġjonali jew subreġjonali – huwa meħtieġ sommarju tal-mekkaniżmi stabbiliti sabiex tiġi żgurata l-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri fejn l-ilmijiet tagħhom huma koperti minn din id-Direttiva u jaqgħu fi ħdan l-istess reġjun jew subreġjun tal-baħar.

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva:

Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għall-ippjanar spazjali marittimu u għall-ġestjoni integrata tal-kosta.

1.2. Qasam/oqasma tal-politika kkonċernat(i) fl-istruttura AMB/ABB²⁹

L-Affarijiet Marittimi u s-Sajd;

L-Ambjent.

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva:

☒ Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja**³⁰

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata **mal-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

1.4. Għanijiet

1.4.1. *L-għan(ijiet) strateġiku/ċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/tal-inizjattiva*

Bħala appoġġ għat-tkabbir ekonomiku sostenibbli fl-ilmijiet tal-ibħra u ż-żoni kostali tal-UE.

1.4.2. *Għan(ijiet) speċifiku/ċi u l-attività(jiet) tal-ABM/ABB ikkonċernata/i*

Għan speċifiku

Attività MARE 11.09: Għall-promozzjoni tat-tkabbir sostenibbli, permezz ta' inizjattivi ta' politika li jmexxu l-ekonomija blu, bl-iżvilupp ta' arranġamenti effikaċi għall-kooperazzjoni u l-qsim tal-informazzjoni bejn ir-regolaturi u l-partijiet interessati u sabiex tkun żgurata l-amministrazzjoni effettiva tal-ibħra, il-kosti u l-oċeani.

Indikatur tar-risultat: il-livell ta' kooperazzjoni transkonfinali dwar l-Ippjanar Spazjali Marittimu (MSP); tnaqqis li jista' jitkejjel fil-ħin u l-ispejjeż tal-ippjanar ta' proġett fil-baċini tal-baħar tal-UE. Mira: l-istabbiliment ta' qafas trasparenti, prevedibbli u stabbli għall-ippjanar u l-ġestjoni ta' użi tal-baħar madwar l-UE, li jirriżulta f'kisbiet sinifikanti fl-effiċjenza.

Attività ENV: 587-D2: l-appoġġ u l-iżvilupp ulterjuri tal-politika tal-UE dwar il-ġestjoni integrata taż-żoni kostali (ICZM), sabiex ikun promoss l-użu raġonevoli u tajjeb tar-riżorsi kostali u sabiex iż-żoni kostali jkunu jifilħu aktar għar-riskji u l-impatti tat-tibdil fil-klima.

²⁹

ABM: Ġestjoni bbażata fuq l-attività — ABB: Ibbagħitjar Ibbażat fuq l-Attività.

³⁰

Kif imsemmi fl-Artikolu 49(6)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

Indikatur tar-riżultat: il-livell ta' implimentazzjoni tal-istrategġi nazzjonali tal-ICZM żviluppati aktar wara r-Rakkomandazzjoni dwar l-ICZM tal-UE (indikatur tal-progress tal-ICZM).
Mira: fl-2012, proposta tal-Kummissjoni għal qafas effettiv fuq żmien twil bħala appoġġ għall-implimentazzjoni tal-ICZM fl-UE.

1.4.3. *Riżultat(i) mistenni(ja) u l-impatt*

Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.

L-għan aħħari tal-proposta huwa li tiżgura tkabbir ekonomiku sostenibbli tal-ekonomiji tal-baħar u daww kostali filwaqt li jippermettu użi differenti u sostenibbli tar-riżorsi marittimi u kostali billi jitqiesu l-pilastru ekonomiċi, soċjali u ambjentali ta' sostenibbiltà f'konformità mal-approċċ ekosistemiku.

Dan għandu jiżgura (fost affarijiet oħra):

- żvilupp sostenibbli, effiċjenti fir-riżorsi u integrat ta' attivitajiet marittimi u kostali;
- titjib fil-klima tal-investiment;
- adattament aħjar għar-riskji ambjentali, bħat-tibdil fil-klima, u l-prevenzjoni u/jew it-tnaqqis tal-effetti tar-riskji naturali.

1.4.4. *Indikaturi tar-riżultati u l-impatt*

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva

- Indikaturi tal-output: id-disponibbiltà ta' qafas għall-ippjanar spazjali marittimu u għall-istrategġi għall-ġestjoni integrata tal-kosta; il-livell ta' kooperazzjoni transkonfinali;
- Indikaturi tar-riżultati: ix-xejriet tal-iżvilupp spazjali, it-tnaqqis ta' kunflitti u tilwim fir-rigward tal-iżvilupp tal-infrastruttura, l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar u kostali, ippjanar spazjali marittimu u ġestjoni integrata tal-kosta ikkoordinati, u kooperazzjoni transkonfinali;
- Indikaturi tal-impatt: bijodiversità miżmuma/rrestawrata jew servizz potenzjali tal-ekosistema f'żoni kostali u fl-ilmijiet tal-baħar, valur miżjud oġġettiv u l-istagħni mnaqqsa f'ekonomiji marittimi u kostali, reżiljenza mtejba għat-tibdil fil-klima, tkabbir f'setturi ekonomiċi ewlenin, koeżistenza tal-attivitajiet ekonomiċi.

1.5. **Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva**

1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jintlaħqu fuq medda qasira jew fuq medda twila ta' żmien*

- li jkun stabbilit proċess għall-ippjanar integrat għall-attivitajiet marittimi u proċess għall-ġestjoni integrata taż-żoni kostali, billi jingħaqdu flimkien l-awtoritajiet nazzjonali u l-partijiet interessati tal-politika settorjali rilevanti;
- li tkun żgurata kooperazzjoni transkonfinali effettiva bejn l-Istati Membri fit-teħid ta' miżuri għall-ippjanar spazjali marittimu u għall-ġestjoni integrata tal-kosta;
- li tkun żgurata koordinazzjoni u integrazzjoni bejn il-proċessi tal-ippjanar spazjali marittimu u l-proċessi għall-ġestjoni integrata tal-kosta.

1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-UE*

L-użi marittimi u kostali u l-ekosistemi jaqsmu l-fruntieri nazzjonali. L-azzjoni proposta għandha żżid il-valur billi tiżgura l-koerenza ta' miżuri li jindirizzaw dan l-

aspett. B'mod partikolari, l-azzjoni tal-UE tevita approċċi diverġenti u livelli differenti ta' progress.

1.5.3. Lezzjonijiet mitgħallma minn esperjenzi simili fil-passat

Evalwazzjoni tar-rapporti ta' progress tal-Istati Membri dwar l-ICZM wara li r-Rakkomandazzjoni dwar l-ICZM (2002/413/KE) ikkonkludiet li dan l-approċċ għandu valur miżjud ċar għall-integrazzjoni ta' politiki mas-setturi kollha fiż-żoni kostali bl-għan li jiġi żgurat l-użu sostenibbli tar-riżorsi kostali. L-ippjanar spazjali marittimu huwa għodda rrikonoxxuta sew li tiżgura l-ippjanar koerenti tal-ispazju marittimu.

1.5.4. Koerenza u sinerġija possibbli ma' strumenti rilevanti oħra

Kemm l-MSP kif ukoll l-ICZM ġew identifikati bħala għodda ta' ġestjoni integrati skont il-PMI (Blue Book 2007). Dawn huma għodod ta' appoġġ għal proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet aktar integrat, li jikkoordinaw setturi ta' politika bil-potenzjal li jikkompetu ma' xulxin. Għalhekk, l-ippjanar spazjali marittimu u l-istrateġiji għall-ġestjoni integrata tal-kosta se jappoġġjaw il-kisba u l-koerenza tal-għanijiet u l-miżuri taħt politiki rilevanti oħra, inkluża l-enerġija, l-ambjent, it-trasport marittimu u s-sajd.

1.6. Tul u impatt finanzjarju

☐ Proposta/inizjattiva ta' tul **ta' żmien limitat**

– ☐ Proposta/inizjattiva fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– ☐ Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS

☒ Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien mhux limitat**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu minn SSSS sa SSSS

– segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Metodu/metodi ta' ġestjoni previst(i)³¹

☐ Ġestjoni ċentralizzata diretta mill-Kummissjoni

☐ Ġestjoni ċentralizzata indiretta bid-delega ta' kompiti ta' implimentazzjoni lil:

– ☐ aġenziji eżekuttivi

– ☐ korpi stabbiliti mill-Komunitajiet³²

– ☐ korpi nazzjonali tas-settur pubbliku/korpi b'missjoni ta' servizz pubbliku

– ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u identifikati fl-att bażiku rilevanti fis-sens tal-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju

☒ Ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri

☐ Ġestjoni deċentralizzata ma' pajjiżi terzi

³¹ Dettalji tal-metodi ta' ġestjoni u referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinstabu fuq is-sit tal-BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html.

³² Kif imsemmi fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju.

☐ **Ġestjoni konġunta** ma' organizzazzjonijet internazzjonali *(li għandhom ikunu speċifikati)*

Jekk tindika aktar minn metodu wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok agħti d-dettalji fit-taqsima tal-“Kummenti”.

Kummenti

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Sal-31 ta' Marzu 2016 u kull sitt snin minn hemm 'il quddiem, l-Istati Membri se jipprovdu rapport nazzjonali lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva. Ir-rapporti se jkunu bbażati fuq il-monitoraġġ nazzjonali tal-implimentazzjoni.

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.2.1. Riskju/riskji identifikat(i)

Mhux applikabbli — Il-proposta ma tinvolvix l-użu ta' approprjazzjonijiet operattivi

2.2.2. Metodu/metodi ta' kontroll previst(i)

Mhux applikabbli — Il-proposta ma tinvolvix l-użu ta' approprjazzjonijiet operattivi

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet idem bħal 2.2

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u protezzjoni eżistenti jew previsti.

Mhux applikabbli — Il-proposta ma tinvolvix l-użu ta' approprjazzjonijiet operattivi

3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linja/i tal-baġit tan-nefqa affettwata

Il-linji tal-baġit tan-nefqa eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji tal-baġit.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja tal-baġit	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru [Deskrizzjoni]	Diff./mhux diff. (33)	minn pajjiżi tal-EFTA ³⁴	mill-pajjiżi kandidati ³⁵	minn pajjiżi terzi	fis-sens tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju
5	11.0101 - Nefqa relatata mal-persunal attiv fix-xogħol fil-qasam ta' politika "Affarijiet marittimi u s-sajd"	mhux diff.	LE	LE	LE	LE
	07 01 01 — Nefqa konnessa mal-persunal f'xogħol attiv fil-qasam ta' politika "L-Ambjent u l-azzjoni					

³³ Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati/Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.

³⁴ EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles

³⁵ Il-pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

	klimatika”					
--	------------	--	--	--	--	--

Linji tal-baġit ġodda mitluba

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji tal-baġit.

Intestatura tal-qafas finanzjarju u pluriennali	Linja tal-baġit	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru [Intestatura]	Diff./mhux diff.	mill-pajjiżi tal-EFTA	mill-pajjiżi kandidati	minn pajjiżi terzi	fis-sens tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju

3.2. Stima tal-impatt fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-istima tal-impatt fuq in-nefqa:

EUR miljun (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali:	Numru	
--	-------	--

DĠ: <.....>			Sena N ³⁶	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	... daħħal snin daqs kemm ikun meħtieġ sabiex turi t-terminu tal-impatt (ara l-punt 1.6)			TOTAL
• Appropriazzjonijiet operattivi										
Numru tal-linja tal-baġit	Impenji	(1)								
	Pagamenti	(2)								
Numru tal-linja tal-baġit	Impenji	(1a)								
	Pagamenti	(2a)								
Appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għall-programmi speċifiċi ³⁷										
Numru tal-linja tal-baġit		(3)								
TOTAL tal-appropriazzjonijiet għal DĠ <.....>	Impenji	=1+1a +3								
	Pagamenti	=2+2a +3.								

³⁶ Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

³⁷ L-assistenza u n-nefqa teknika u/jew amministrattiva b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-programmi tal-UE u/jew l-azzjonijiet tal-UE (daww li qabel kienu l-linji "BA"), ir-riċerka indiretta u r-riċerka diretta.

• TOTAL tal-appropriazzjonijiet operattivi	Impenji	(4)								
	Pagamenti	(5)								
• TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)								
TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt I-INTESTATURA <....> tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+ 6								
	Pagamenti	=5+ 6								

Jekk iżjed minn intestatura waħda hija affettwata mill-proposta/inizjattiva:

• TOTAL tal-appropriazzjonijiet operattivi	Impenji	(4)								
	Pagamenti	(5)								
• TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)								
TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt I-INTESTATURI 1 sa 4 tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza)	Impenji	=4+ 6								
	Pagamenti	=5+ 6								

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali:	5.	Nefqa amministrattiva
---	-----------	-----------------------

EUR miljun (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

		Sena 2014 u wara					TUL BLA LIMITU	TOTAL
DĠ: <ENV/MARE>								
• Riżorsi Umani		0.508.						
• Nefqa amministrattiva oħra		0.054. 0.022						
TOTAL DĠ ENV/MARE	Appropriazzjonijiet	0.584						

TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total tal-impenji = Total tal-pagamenti)	0.584						
---	--	-------	--	--	--	--	--	--

EUR miljun (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

		Sena 2014 u wara					... daħħal snin daqskemm ikun meħtieġ sabiex turi t-terminu tal-impatt (ara l-punt 1.6)	TOTAL
TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	0.584						
	Pagamenti	0.584						

3.2.2. Stima tal-impatt fuq l-approprjazzjonijiet operattivi

- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' approprjazzjonijiet operattivi
- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' approprjazzjonijiet operattivi, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet għall-impnġi f' miljuni ta' EUR (sa 3 punti deċimali)

Indika l-għanijiet u l-outputs ↓			Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	... daħħal snin daqskemm ikun meħtiegħ sabiex turi t-terminu tal-impatt (ara l-punt 1.6)								TOTAL				
	OUTPUTS																		
	Tip ta' output ³⁸	Spiża medja tal-output	Għadd ta' outputs	Spiża	Għadd ta' outputs	Spiża	Għadd ta' outputs	Spiża	Għadd ta' outputs	Spiża	Għadd ta' outputs	Spiża	Għadd ta' outputs	Spiża	Għadd ta' outputs	Spiża	Għadd ta' outputs	Għadd totali ta' outputs	Spiża totali
GĦAN SPEĊIFIKU Nru 1 ³⁹ ...																			
- Output																			
- Output																			
Subtotal għall-għan speċifiku Nru 1																			
GĦAN SPEĊIFIKU Nru 2...																			
- Output																			
Subtotal għall-għan speċifiku Nru 2																			
SPIŻA TOTALI																			

³⁸ L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li għandhom jiġu pprovduti (pereż.: għadd ta' skambji tal-istudenti ffinanzjati, għadd ta' km ta' toroq li jinbnew, eċċ.).

³⁹ Kif deskritt fis-sezzjoni 1.4.2. 'Għan(ijiet) speċifiku/speċifiċi...'.

3.2.3. Stima tal-impatt fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.3.1. Sommarju

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' appropriazzjonijiet amministrattivi
- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' appropriazzjonijiet amministrattivi, kif spjegat hawn taħt.

EUR miljun (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

	Sena 2014 u wara	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	... daħħal snin daqskemm ikun meħtieġ sabiex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6)	TOTAL
--	------------------------	-------------	-------------	-------------	---	-------

INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi Umani	0.508							
Nefqa amministrattiva oħra	0.076							
Subtotal tal- INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali								

Barra l- INTESTATURA 5⁴⁰ tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi Umani								
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva								
Subtotal barra l- INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali								

TOTAL	0.584							
--------------	-------	--	--	--	--	--	--	--

⁴⁰

L-assistenza u n-nefqa teknika u/jew amministrattiva b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-programmi tal-UE u/jew l-azzjonijiet tal-UE (dawk li qabel kienu l-linji "BA"), ir-riċerka indiretta u r-riċerka diretta.

3.2.3.2. Stima tar-rekwiżiti tar-riżorsi umani

- ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani
- ☐ Il-proposta/inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima għandha tiġi espressa f'ammonti sħaħ (jew sa mhux aktar minn ċifra waħda wara l-punt deċimali)

	Sena 2014 u wara	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	... daħħal snin daqs kemm ikun meħtieġ sabiex turi t-terminu tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
• Karigi fil-pjan ta’ stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)							
11 01 01 01 + 07 01 01 01 (Kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	4						
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)							
XX 01 05 01 (Riċerka indiretta)							
10 01 05 01 (Riċerka diretta)							
• Persunal estern (Ekwivalenti tal-Unità Full Time: FTE) ⁴¹							
11 01 02 01 (AK, INT, SNE minn ‘pakkett globali’)							
XX 01 02 02 (AK, INT, JED, AL u SNE fid-delegazzjonijiet)							
XX 01 04 yy ⁴²	- fil-Kwartieri Ġenerali ⁴³						
	- fid-delegazzjonijiet						
XX 01 05 02 (AK, INT, SNE — Riċerka indiretta)							
10 01 05 02 (CA, INT, SNE — Riċerka diretta)							
Linji tal-baġit oħrajn (speċifika)							
TOTAL	4						

XX huwa l-qasam tal-politika jew it-titolu tal-baġit ikkonċernat

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu ssodisfati b'persunal mid-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li jkun ġie riallokati f' id-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura ta' allokkazzjoni annwali u fid-dawl tal-limiti baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

L-uffiċjali u l-aġenti temporanji	is-sorveljanza tal-implimentazzjoni tad-Direttiva fil-livell nazzjonali
Persunal estern	

⁴¹ AK = Aġent Kuntrattwali; INT = persunal tal-aġenzija ('Intérimaire'); JED = espert żagħżuġ fid-delegazzjonijiet ('Jeune Expert en Délégation'); AL = Aġent Lokali; SNE = Espert Nazzjonali Ssekondat ('Seconded National Expert').

⁴² Taħt il-limitu massimu għall-persunal estern mill-appropriazzjonijiet operattivi (dawk li qabel kienu l-linji "BA").

⁴³ Essenzjalment għall-Fondi Strutturali, għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u għall-Fond Ewropew għas-Sajd (FES).

3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali preżenti*

- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali preżenti.
- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva se tinvolvi programmazzjoni mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega x'tip ta' programmazzjoni mill-ġdid hija mehtiegħ, billi tispeċifika l-intestaturi tal-baġit ikkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva tehtiegħ l-applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali⁴⁴.

Spjega x'inhu mehtiegħ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji tal-baġit ikkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi*

- ☒ Il-proposta/inizjattiva ma tipprovdi għal kofinanzjament minn partijiet terzi
- Il-proposta/inizjattiva tipprovdi għall-kofinanzjament stmat hawn taħt:

Approprijazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (sa 3 punti deċimali)

	Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	... daħħal snin daqskemm ikun mehtiegħ sabiex turi t-tul tal- impatt (ara l-punt 1.6)			Total
<i>Speċifika l-korp ta' kofinanzjament</i>								
TOTAL tal-appropriazzjonijiet kofinanzjati								

⁴⁴ Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

3.3. Stima tal-impatt fuq id-dħul

- ☒ Il-proposta/inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- ☐ Il-proposta/inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
 - ☐ fuq ir-riżorsi proprji
 - ☐ fuq id-dħul mixxellanju

EUR miljun (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

Linja tad-dħul tal-baġit:	Appropriazzjo nijiet disponibbli għas-sena baġitarja li għaddejja bħalissa	Impatt tal-proposta/inizjattiva ⁴⁵						
		Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	... daħħal il-kolonna li hemm bżonn biex turi t-tul taż-żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
Artikolu								

Għad-dħul mixxellanju assenjat, speċifika l-linja/i tan-nefqa milquta tal-baġit.

Speċifika l-metodu tal-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul.

⁴⁵

Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, it-taxxi fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara li minnhom jitnaqqsu 25% għall-ispejjeż tal-ġbir.